MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 109/2002/1

**Francesco Saverio Said**

**Vs**

**Keith Muscat**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm667 (sitt mija sebgha u sittin Lira Maltin) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar it-12 ta' Lulju 2001gewwa Paola.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi qed jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal:
1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-12 ta' Lulju, 2001 fi Vjal Santa Lucija, Paola, bejn il-vettura FBY 721, propjeta ta' l-attur

HAA 979, misjuq mill-konvenut, u ghad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident.
2. Jillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-imsemmi incident fis-somma ta’ sitt mija u seba` u sittin lira Maltin (Lm667) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata okkorendo bin-nomina ta’ periti nominandi.
3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u seba` u sittin lira Maltin (Lm667) jew somma ohra li tigi likwidata minn dan it-Tribunal in linja ta’ danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-12 ta’ Lulju 2001 ta’ Vjal Santa Lucija, Paola bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-21 ta’ Novembru 2001 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Il-konvenut qed jikkontesta t-talba li qed issir kontrik li ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh bejn il-vettura tieghu (bin-numru HAA 979) u x-xarabank, misjuq minn Giuseppe Zahra, (bin-numru FBY 721) u lanqas ma huwa responsabbli ghad-danni rikjamati mill-attur, u dan stante li l-imsemmi Giuseppe Zahra huwa unikament responsabbli ghall-istess incident u dan minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Illi ghlahekk il-konvenut m’ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi d-danni rikjamati li minnflok ghandhom jithallsu, flimkien mad-danni sofferti mill-kovenut fl-istess incident, minn Giuseppe Zahra, u ghal dan l-iskop il-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri halli jinnotifika lil Giuseppe Zahra. Bl-avviz lil terza persuna u b’kopja ta’ l-avviz u ta’ dina r-risposta skond il-ligi.
3. Illi minghajr pregudizzju l-attur irid jipprova illi huwa s-sid tal-vettura FBY 721.

4. Illi l-konvenut m’ghandux ibghati spejjez.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2001 kontra l-attur jew kontra Giuseppe Zahra, skond kif jiddeciedi dan l-Onorabbli Tribunal.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizzjoni fit-telgha tac-cimiterju issuccediet minhabba li kien hemm kollizjoni li saret qabilhom u kien hemm vettura tal-pulizija fin-nofs tat-triq.

Ovvjament kif is-soltu jissucciedu kull xufier jaghti versjoni differenti ta’ dak li gara. Kull parti tiehu r-ragun taghha ghax kieku ma jaslux f’dan l-istadju gjudizzjarju. Hafna drabi l-versjonijiet mghotija quddiem dan it-Tribunal bhal fi Qrati ohra tkun kemm xejn differenti minn dik li tinghata a tempo vergine lill-pulizija investigattiv, fejn wara li tghaddi certu zmien kull parti tipprova taghmel mill-ahjar li tista’ u titfa’ l-piz fuq il-parti l-ohra.

Huwa sintomatiku dak li qalu l-istess xufiera lill-istess pulizija. Ix-xufier ta’ l-HAA-979 jghid testwalment “kont wieqaf fit-traffiku minhabba li kien hemm habta. Ix-xarabank ipprova jghaddi. Accidentalment gibet il-genb tal-karozza tieghi.”

Waqt li x-xufier tax-xarabank FBY-721 kien waqaf fit-traffiku minhabba li kien hemm habta u kif kont ser naqla’, dahal gio fija.

Mill-iskizz esebit a fol 21 tal-process jirrizulta l-prezenza tal-hames vetturi, ossia z-zewg vetturi gew mahbutin mil-linji spjezzettati, l-vettura tal-pulizija u x-xarabank u l-vettura tal-konvenut. Jirrizulta li l-karozza tal-pulizija qieghda fuq sajdha u kif ukoll ix-xarabank. Mhux idoneo l-posizzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut HAA-979.

Dana jallega li ma setax jghaddi u allura waqaf u x-xarabank dahlet go fih. Ix-xufier tax-xarabank jallega li hu baqa' fuq sajdu, gie biex jghaddi u l-iehor cioe l-konvenut, saq u habat mieghu.

F'kaz idoneo ghandha tigi applikata strettament ir-regola imposta mill-istess ligijiet tat-traffiku. Li jinkombi fuq il-konvenut illi jzomm sajdu u postu sakemm it-triq, ossia l-karreggjata l-ohra tkun ikklerjata halli jkunu jistghu jghaddu l-vetturi. Di fatti waqt illi kienet fuq sajda, il-konvenut kellu l-vettura tal-pulizija u l-vettura l-ohra gia mahbutin jingombrawlu t-triq tieghu u allura kellu bil-fors jaqleb il-karreggjta halli jkompli t-triq tieghu. Huwa jghid li ha l-prekawzjonijiet kollha pero` xorta wahda saret il-habta.

Da parti tieghu x-xarabank kien fuq sajdu u niezel u ma kellux ghalfejn il-konvenut jinvadihilu l-karreggjata tieghu bil-prudenza u bil-perizja u jikkaguna kollizjoni.

Huwa l-konvenut li kien qed jaghmel sorpass u mhux sorpass biss, kien qed jaghmel sorpass ta' vettura wieqfa u ried jinvadi karreggjata l-ohra li kienet ghadha utili biex tigi navigata u ovvjament kienet qed tigi navigata ghat-traffiku. Meta l-konvenut kellu jaqleb ghall-karreggjata l-ohra huwa kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji, anki dawk stipulati in sens komun, illi ma jikkostitwix ruhu ta' periklu ghal terzi utenti fl-istess kollizjoni.

Di fatti kif jirrizulta mill-istess skizz a fol 21 tal-process, il-vettura tieghu hija skontrata ghal kollox u angulata ghal fuq il-karreggjata ta' barra. Qed jipprova jghaddi bejn zewg vetturi. Hu jikkontesta illi dak il-mument huwa kien wieqaf u x-xarabank dahal go fih. Anchor che huwa hekk meta gie biex jinvadi dik il-karreggjata kellu jara illi ma jingombrax il-free flow of traffic tal-karreggjata l-ohra. Mill-posizzjoni tal-vettura u kif kien skuntrat hu, huwa ghalaq l-apertura tax-xarabank biex ikun jista' jghaddi.

Huwa naturali li fejn ikun hemm traffiku, persuna li tkun qed issuq fil-karozza taghha tipprova tara kif tghaddi biex tevita l-istess ostakolu u tmur tkompli t-triq taghha. Hekk

ghandu jkun pero` dan ghandu jsir minghajr ma jikkostitwixxu periklu ghal terzi persuni.

Illi l-attur irnexxielu jipprova l-quantum tad-danni bid-dokumenti esebiti u mix-xhieda prodotta ghall-ammont ta' sitt mija u sebgha u sittin lira (Lm 667) u ghalhekk ghandhom jigu akkordati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira (Lm 667), spejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------